Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 01 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1294/1998/1

**Paul Privitera u martu Anna**

**vs**

**Simon Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi Lm651.15,0 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti nominati) danni in segwitu ghal incident stradali li gara Zebbug fis-6 ta' Dicembru 1997 bejn car Ibiza numru KAR 265 misjuqa mill-istanti u car Fiesta numru AAA 894 misjuqa mill-konvenut.

Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghal dan minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, inklusi Lm11.50 ta' konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort u htija tal-eccipjent, izda gara unikament tort u htija tal-attur, Paul Privitera, billi waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru KAR 265, kiser ir-Regolamenti tat-traffiku bir-risultat li huwa ostakola l-passagg liberu tal-eccipjenti u b'hekk habat mal-vettura tal-istess eccipjenti, dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni kif pretizi huma f'kwalunkwe kaz ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-kollizjoni in esami kif jidher mill-iskizz esebit 'in atti' (a fol 33 tal-atti) minn PS 1043 Francis Pace (fol 31 u 32 ibid) grat fit-triq, li taghti lejn Ghajn Tuffieha vicin Iz-Zebbiegh f'gurnata ta' xita kontinwa. In rigward l-istess skizz l-attur (fol 11 et seq ibid) xehed li minn din it-Triq bil-karozza tieghu numru KAR 265 kien diehel fejn hemm indikat 'Lane W/O name' fuq is-xellug tieghu. In rigward dan hu qal, testwalment, '…. Xeghelt l-indicator u mort biex nidhol u ndawwar ghal dik il-'lane' meta 'F'salt wiehed, l-iehor dahal fuqi u waqt li 'kont diga milwi sabiex nidhol'. Bhala konsegwenza tad-daqqa fuq il-bieba tal-

passiggier fuq ix-xellug tal-karozza tieghu (ara ukoll il-hsara kif indikata fuq l-istess skizz) din spiccat aktar l-isfel fl-istess triq. In rigward l-istess manuvra, qabel ma esegwiha, hu kien mar 'xi ftit' lejn il-lemin sabiex jkun jista' jdur lejn l-istess trejqa. Inoltre hu kien hares mill-mera' tal-genb sabiex jara jekk kienx hemm traffiku gej minn warajh. Avolja ma kien ra traffiku, hu qal, ukoll, li ma setax jara l-boghod, fuq wara, stante li din it-triq hi 'ghad-dawra' (ara ukoll dak li stqarr l-istess attur kif risultanti a fol 36 ibid).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-<u>konvenut</u> jsostni (fol 41 et seq ibid) li hu kien qed bid-dawl mixghul jsuq, f'gurnata ta' maltemp, fit-triq in kwistjoni meta wasal fejn hemm Triq laterali, presumibilment it-trejqa ossija 'lane' gja msemmija. Hawnhekk, kien ra karozza, wieqfa u minghajr dwal. Mill-istess karozza, hu ra bniedem jittawwal ghal go l-istess trejqa. Kif ra hekk, hu ghafas il-brake u 'skiddjajt xi ftit'. F'daqqa wahda l-vettura l-ohra daret lejn ix-xellug biex tidhol fl-istess trejqa. In konnessjoni mal-istess xhieda jkun opportun li ssir referenza ghax-xhieda ta' <u>mart il-konvenut, Maria Cardona</u> (fol 39 u 40 ibid). Din qalet illi hi u zewgha li kien qed jsuq, kienu hergin minn triq naqra wiesa'. Kif kienu hekk hargin u jduru lejn il-lemin, waqt li kienet niezla hafa xita, 'ghal gharrieda naraw gej wiehed fuqna ….. (karozza) gejja minn naha tal-lemin ….' B'velocita normali. Il-karozza l-ohra dahlet f'taghhom.

Illi, mill-premess jidher li dak li xehdet mart il-konvenut, <u>bl-ebda mod</u>, ma jaqbel ma dak li xehed il-konvenut, kwazi qed jirrankontaw zewg incidenti differenti ghal kollox minn xulxin (ara ukoll dak li stqarru iz-zewg sewwieqa ftit wara l-istess incident u kif riportat a fol 36 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi tenut kont tax-xhieda tal-attur kif hemm fuq sintetizzati, ta' dak tal-konvenut kif 'kontradetta' mill-istess martu oltre il-<u>hsarat</u> konsegwenzjali kif indikati fuq l-iskizz u rapport a fol 33 u fol 36 tal-atti, jidher li dak li xehed l-istess attur

jirrispekkja dak li gara, filfatt, f'dan il-kaz. Din il-kollizjoni grat f'gurnata ta' xita qawwija meta hu mehtieg li sewwieq juza aktar kawtela u attenzjoni fis-sewqan minhabba c-cirkostanzi klimatici.  Jidher li l-konvenut ma kienx qed jsuq b'din il-prudenza rikjesta minnu sabiex jevita incident bhal dak in esami. Minhabba li naqas li jzomm 'a proper look out', ma kienx ra, fil-hin , il-vettura misjuqa mill-attur waqt li din kienet di gja mdawwra lejn ix-xellug sabiex tidhol fit-trejqa msemmija.  Konsegwentement, l-istess, konvenut habat mal-bieba tal-passiggier fuq ix-xellug tal-karozza tal-attur, hsara kompatibbli ma' dak li xehed l-istess attur dwar id-dinamika ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi ma ingiebet l-ebda prova a konjizzjoni tal-Qorti sabiex tindika li l-ammont pretiz fl-avviz hu esagerat (ara fol 17 sa fol 24 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

2) tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm651.15,0 u;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' Lm651.15,0 bl-imghax legali mit-3 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm11.50,0 ta' konsult u ta' ittra kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 1998 imsemmija fl-istess avviz.

Grezzju Galea
Dep.Reg